Qorti ta' l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 930/2008AE

**Atlas Insurance PCC Limited (C5601) f'isimha proprju u kif surrogata fid-drittijiet tas-surrogata tagħha Intercomp Marketing Limited abbażi tal-polza tal-assikurazzjoni u tal-liġi u l-istess Intercomp Marketing Limited (C20612)**

**vs**

**B.A.S. Limited u skond verbal datat 23 ta' Marzu 2009, ġiet kjamata in kawża s-soċjeta`Fahrenheit Freight Forwarders Company Limited**

L-Erbgha, 13 ta' Jannar 2016.

Permezz ta' avviż quddiem it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar, l-atturi talbu li s-socjetajiet konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' tmien mija u tnejn u sittin ewro (€862), prezz ta' merkanzija li nstabet nieqsa.

Is-soċjeta` konvenuta eċċepiet illi (fol. 25):-

1. ma rriżultax li l-merkanzija ġiet nieqsa waqt li kienet taħt ir-responsabilita`tagħha.
2. fi kwalunkwe każ m'għandha l-ebda tort.
3. kwalsiasi responsabilita` hija limitata a tenur tar-regolamenti tal-Convention on the Contract for International Carriage of Goods by Road u tal-kundizzjonijiet tal-ġarr relattivi.
4. għandha tiġi kkjamata s-soċjeta` Fahrenheit Freight Forwarders Co. Ltd. li ġiet minnha inkarikata għall-ġarr tal-merkanzija.

Is-soċjeta` Fahrenheit Freight Forwarders Co. Ltd ġiet imsejjħa fil-kawża[1] u eċċepiet illi (fol. 32):-

1. m'għandha l-ebda relazzjoni ġuridika mal-atturi.
2. dekadenza ai termini tal-art. 32(1)(a) tal-Convention on the Contract for International Carriage of Goods by Road.
3. mhix responsabbli għan-nuqqas ta' merkanzija billi hi rċevietha f'pakketti ssiġillati.
4. fi kwalunkwe kaz talbiet huma eċċessivi.
5. kwalunkwe responsabilita` imputabbli hi suġġetti għal-limitazzjonijiet tal-Convention imsemmija.

[1] Ordni li saret fuq talba tas-socjeta konvenuta.

B'sentenza tal-4 t'Ottubru 2012 it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar ċaħad it-talbiet tal-atturi. It-Tribunal qal:-

***"Illi mill-provi migjuba jirrizulta li s-socjeta Intercomp xtrat minghand il kumpanija DELL, 30 laptop li minnhom waslu 29 laptop peress illi l-ahhar kaxxa kienet vojta. Din il-merkanzija minghand il-kumpanija DELL ghaddiet ghand id-DHL b'mod sfuzz u kienet id-DHL li ssigillat u ghamlet xrink wrap madwar il-pallets tal-merkanzija. Is-socjeta kjamata in kawza Fahrenheit Freight Forwarders kienet inkarigata mis-socjeta konvenuta BAS Ltd sabiex tigbor din il-merkanzija. Hawnhekk hareg car mill-provi illi s-socjeta kjamata in kawza Fahrenheit Freight Forwarders gabru l-pallets li kienu diga ssigilati. Il-Fahrenheit imbaghad ghaddew il-merkanzija lil BAS Ltd liema socjeta kellha inkarigu minghand l-Intercomp Ltd. Is-socjeta BAS gabet il-prova wkoll illi l pallets gabrithom issigilati minghand il-Fahrenheit Freight Forwarders u waslithom issigilati ghand l-Intercomp. Dan kien ikkonfermat anki mix-xhieda prodotti mis-socjeta attrici Atlas Insurance li kien surrogata fid-drittijiet tal-Assigurat taghha Intercomp Marketing Limited.***

***Fil-fehma tat-Tribunal s-socjeta attrici ma rnexxilhiex tipprova illi kien hemm xi nuqqas da parti tas-socjeta konvenuta jew tas-socjeta kjamata in kawza. Anzi hareg car illi fil-perjodi meta l-merkanzija kienet f'idejn Fahrenheit Freight Forwarders u BAS Ltd il-merkanzija kienet issigilata u diga bix-xrink wrap.***

***Ingiebet il-prova illi dan sigil u xrink wrap taghmlu d-DHL izda hadd mill partijiet ma dahhal lil din is-socjeta fil-kawza odjerna"***.

**<u>Appell tal-atturi</u>**.

L-atturi appellaw mis-sentenza abbażi ta' ksur gravi tad-dettami tal-imparzjalita` u l-ekwita`skond il-liġi.

L-appellanti qalu li kien paċifiku bejn il-partijiet illi s-soċjeta`konvenuta ġiet inkarikata tiġbor il-merkanzija mingħand il-fornitur esteru (DELL) fl-Olanda u ġġorrha lejn Malta. Is-soċjeta` konvenuta għaddiet l-inkariku tagħha in parti lill-kjamata fil-kawża, u in parti lid-DHL. DHL ġabret il-merkanzija kollha, u sfuża, mingħand id-DELL, żammitha fl-inħażen tagħha u eventwalment dawwrithom bi *shrink wrap* u ghaddiethom lill-imsejha fil-kawza li ġarret il-merkanzija lejn Malta fejn instab li kien hemm laptop nieqes. Minkejja dan:-

1. is-soċjeta` konvenuta ma nstabitx responsabbli. Huwa inspjegabbli kif minkejja li kien paċifiku bejn il-partijiet li kienet biss is-soċjeta` konvenuta li kienet inkarikata bil-ġarr tal-merkanzija, it-Tribunal fis-sentenza tiegħu iddikjara li din kienet responsabbli biss mal-wasla tal-merkanzija f'Malta. Iċċitaw sentenza bejn l-istess partijiet b'merti identiċi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-19.09.2012.

2. l-appellanti ġew ikkundannati jħallsu l-ispejjez tal-konvenuta u tal-kjamata fil-kawża, minkejja li ma kellhom l-ebda relazzjoni ġuridika magħha.

Għall-fini ta' kompletezza, l-atturi osservaw, b'żieda ma' dawn l-aggravji, illi fejn tiġi eċċepita l-limitazzjoni ta' responsabilita` (i) l-eċċipjent għandu l-piż jipprova li tali nuqqas kien inevitabbli (art. 18(1) tal-Konvenzjoni) u (ii) il-ġarr ikun wieħed kontinwu, fuq l-istess trailer (li f'dan il-każ ma kienx hekk).

**<u>Twegiba tas-socjeta konvenuta</u>**.

Is-soċjeta` konvenuta, fir-risposta tal-appell tagħha wieġbet li:

1. Hija ġiet imħarrka personalment u mhux fil-veste tagħha ta' agent tad-DHL kif fil-fatt kienet, u dan jispjega d-deċiżjoni tat-Tribunal.

2. Sewwa ddeċida t-Tribunal li jaddossa l-ispejjeż fuq l-atturi billi la s-soċjeta` konvenuta u lanqas il-kjamata fil-kawża ma nstabu fi ħtija.

Żiedet is-segwenti osservazzjonijiet anke jekk ma ġewx ittrattati mit-Tribunal:

Filwaqt li taqbel li tapplika l-Konvenzjoni (applikata f'Kap 486), it-traġitt kien wieħed sħih; m'hemm l-ebda prova bil-kontra. L-esponenti topera taħt ic-CMR Conditions u l-MIFA Terms and Conditions u kwindi kull polza ta' kariku sottoskritta minnha kienet ser tkun regolata u protetta minn tali kundizzjonijiet. Skont il-MIFA, kull kawza kellha tiġi ppreżentata fi żmien 9 xhur mid-data tal-konsenja, li saret fit-13.02.2008. Il-kawża ġiet ippreżentata fil-25.11.2008 u kwindi t-terminu perentorju kien skada.

Skont is-soċjeta` konvenuta ( u hawn ma taqbilx mat-Tribunal), il-laptop ġie nieqes meta kien fil-pussess tal-kjamat fil-kawza.

Skont il-Qorti tal-Appell in re: Atlas Insurance Agency Ltd v Cassar & Cooper (S&I) Ltd (22.11.2006) *"anke jekk l-attur ma jestendix it-talba tiegħu kontra l-imsejjah, il-ġudikant xorta waħda jista' ugwalment jippronunzja kundanna a kariku tat-terz kjamat fil-kawza hekk misjub fi ħtija"*. Għalhekk lanqas tista' tirnexxi l-ewwel eccezzjoni mressqa mis-socjeta kjamata fil-kawza li m'ghandha l-ebda relazzjoni mas-socjeta attrici.

It-trasportatur hu meħlus mir-responsabilita jekk jipprova li l-ħsara seħħet taħt ċirkostanzi li ma setax jevita. Seħħew diversi drabi inċidenti simili ta' nuqqas ta' merkanzija. Dawn spiċċaw meta l-konvenuta ma baqgħetx tinkarika lill-kjamata fil-kawza.

**<u>Twegiba tas-socjeta msejha fil-kawza</u>**.

Il-kjamata fil-kawza wiegbet:

1. id-deċizjoni tat-Tribunal hija bbazata fuq apprezzament tal-fatti li ma jiġix iddisturbat fis-sede tal-appell.

2. fi tlett kawżi identiċi (ħlief għall-vjagg) il-Qorti tal-Maġistrati sabet lis-soċjeta' B.A.S. Limited responsabbli in kwantu kienet hi li ngaġġat lis-soċjeta` DHL ġewwa l-Olanda u ma sabet l-ebda responsabilita` fil-kjamata in kawza. F'kawza deċiza fuq fatti simili izda bejn terzi – Gasan Mamo Insurance Limited v GMC Transport Company Limited – 29.04.2008 - it-Tribunal Għal Talbiet Zgħar sab li s-soċjeta` konvenuta u l-kjamata fil-kawża ma setgħux jinżammu responsabli għan-nuqqas fil-merkanzija.

3. il-kjamata fil-kawża sostniet l-eċċezzjonijiet tagħha quddiem it-Tribunal (i) li m'għandha l-ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjeta` attriċi u għalhekk għandha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju (ii) għar-relazzjoni bejn il-partijiet japplikaw ic-CMR (Kap 486). Art. 32(1)(a) tal-Konvenzjoni jpoġġi l-perjodu ta' limitazzjoni ta' sena u fil-kaz ta' wilful misconduct, ta' 3 snin. Ma kienx hemm willful misconduct. Sa dakinhar li ġiet ikkjamata fil-kawza, is-sena laħqet għaddiet.

4. kien jinkombi fuq is-socjeta` konvenuta li tipprova li n-nuqqasijiet saru meta l-merkanzija kienet fil-kustodja tal-kjamata fil-kawza. Il-Qorti tal-Maġistrati tefgħet ir-responsabilita` fuq is-soċjeta`estera DHL.

5. il-kwantum tad-danni ma ġiex ippruvat. Di piu` hemm limitazzjoni skont Art. 23(3) tal-Konvenzjoni.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**.

L-atturi talbu li l-konvenuta tigi kkundannata thallashom is-somma ta' tmien mija u tnejn u sittin ewro (€862). Fil-kaz ta' sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar, sal-lum appell fil-kaz ta' talbiet sal-ammont ta' €1,164.69, jista' jsir biss fil-każijiet li ġejjin (Artikolu 8(2) tal-Kap. 380):-

(a) fuq kull ħaġa li jkollha x'taqsam mal-ġurisdizzjoni tat-Tribunal;

(b) fuq kull kwistjoni ta' preskrizzjoni;

(c) fuq kull nuqqas ta' tħaris tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 7(2);

(d) meta t-Tribunal ikun b'mod gravi mar kontra d-dettami tal-imparzjalità u tal-ekwità skont il-liġi u dik l-azzjoni tkun ippreġudikat il-jeddijiet ta' min jappella.

L-appellanti ppremettew li s-sentenza tat-Tribunal tikser id-dettami tal-imparzjalita` u l-ekwita`skond il-ligi, ghaliex:-

i. is-socjeta konvenuta ma nstabitx responsabbli ghan-nuqqasijiet u d-danni;
ii. l-appellanti gew kundannati jhallsu l-ispejjez tal-konvenuta u l-

imsejha fil-kawza.

L-ebda waħda mis-soċjetajiet appellati ma tat eccezzjoni fis-sens li l-appell hu null. F'kull kaz din il-qorti ghandha l-poter li *ex officio* tiddetermina jekk l-appell huwiex konformi mal-ligi. Din hi materja ta' ordni pubbliku.

Fir-rigward tan-nuqqas ta' imparzjalita`, għalkemm l-appellanti semmewha fil-bidu tar-rikors, pero' ma ressqux argumenti f'dan ir-rigward.

Il-Qorti għalhekk sejra teżamina jekk kienx hemm ksur tal-*"ekwita skond il-liġi"*. Fl-att m'hemmx definizzjoni tal-kelma *"ekwita `skond il-ligi"*. Il-principju hu *aequitas sequitur legem*, fis-sens li l-ekwita' ssegwi l-ligi. Ekwita' li tissupplementa l-ligi. Qorti li trid tiddeciedi a bazi ta' ekwita skond il-ligi m'hijiex gustifikata li tiskarta l-ligi. Skond l-Artikolu 7 tal-Kap. 380 Tribunal ghandu jiddeciedi ***"…principalment skond l-ekwita"***.

Fil-kaz prezenti t-Tribunal qal li ma saritx prova li kien hemm nuqqas min-naha tas-socjeta konvenuta jew tal-kjamat fil-kawza u anzi rrizulta li meta l-merkanzija kienet f'idejhom il-merkanzija kienet siggillata b'*shrink wrap*. It-Tribunal ikkonkluda:-

*"Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi illi* ***s-socjeta attrici ma rnexxilhiex tipprova l-kaz li kien hemm xi nuqqas da parti tas-socjeta konvenuta jew responsabbilta' ghal merkanzija nieqsa*** *u lanqas ma gie ppruvat li kienet is-socjeta kjamata in kawza li kellha xi responsabbilta"* (enfazi tal-provi).

Hemm hafna xi tghid dwar l-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal gialadarba rrizulta li s-socjeta attrici Intercomp Marketing Limited kienet inkarigat lis-socjeta konvenuta (B.A.S. Limited) bil-garr tal-merkanzija mill-fabbrika fl-Olanda sal-imhazen tas-socjeta attrici[2]. Fatt li jidher li t-Tribunal skarta ghal kollox. Mir-rikors tal-appell hu evidenti kif l-appellanti qeghdin jikkontestaw l-konsiderazzjonijiet dwar 'il fatti li ghamel it-Tribunal. Tant hu hekk li qalu:-

*"Huwa bir-rispett kollu assolutament inspjegabbli kif it-Tribunal irritjena illi l-konvenuta BAS kienet involuta biss fil-mument li l-merkanzija waslet hawn Malta sakemm hija ikkonsenjata lil Intercomp,……"*.

L-appellanti mbaghad ghamlu riferenza ghall-provi li fil-fehma taghhom jikkonfermaw li s-socjeta konvenuta kienet giet inkarigata mis-socjeta attrici sabiex iggorr il-merkanzija mill-fabbrika fl-Olanda lejn Malta. Pero' dan jinvolvi ezercizzju ta' konsiderazzjonijiet fattwali li m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-kuncett ta' *"ekwita' skond il-ligi"* li jissemma fl-Artikolu 8(2) tal-Kap. 380.

---

[2] Hekk per ezempju Raymond Borg, ufficjal tas-socjeta konvenuta xehed: *"Nghid illi l-Intercomp kienet taghmel l-ordnijiet minghand is-socjeta DELL u mbaghad wara li ssir l-ordni kienu jghaddulna l-order number, u tramite l-agenti taghna d-DHL il-merkanzija kienet tingabar minghand id-Dell,… u ahna konna ninkargaw is-subcontractors taghna sabiex igibu l-merkanzija lejn Malta"* (fol. 64).

Din il-qorti[3] fil-kawza **Oscar Gatt vs Silvio Brincat** deciza fit-12 ta' Jannar 2001, fir-rigward tal-Artikolu 8(2)(d) tal-Kap. 380 qalet:-

*"In tema ta' ekwita', din il-Qorti ma tarax kif jista' l-appellant jadduci din ir-raguni bhala motiv biex jinficja d-decizjoni appellata.* ***It-Tribunal infatti m'ghamel l-ebda ezercizzju ta' ekwita' u d-decizjoni tieghu kienet bazata unikament fuq konsiderazzjonjiet fattwali kif johorgu mill-provi tal-kontendenti****. L-Appell hu ghalhekk improponibbli u l-eccezzjoni ta' l-appellat f'dan ir-rigward tirrizulta ghal kollox sostnuta"*.

Ragunament li japplika wkoll fir-rigward tal-ispejjez in kwantu hu evidenti li t-Tribunal ordna li l-ispejjez ghandha taghmel tajjeb ghalihom dik il-parti li tilfet il-kawza. Ordni li fih fih m'hemmx ezercizzju ta' ekwita'.

Fic-cirkostanzi l-appell hu null.

**Ghal dawn il-motivi tiddikjara l-appell null bl-ispejjez kontra l-appellanti**.

Anthony Ellul.

---

[3] Imhallef J. Said Pullicino.